6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 5th December, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mingħand id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-direttorat huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

Il-21 ta' Novembru, 2025

SOVRINTENDENZA
TAL-PATRIMONJU KULTURALI

Notifika fuq Bastiment Abbandunat

Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali qed tinforma lill-pubbliku rigward bastiment li jinsab abbandunat fil-lokalità ta' Marsaxlokk, fil-kordinati indikati hawn taħt.

Bastiment *Vessel*	Kordinati *Position*	Noti *Notes*
Range Safety Launch Boat	35°50'06.8"N, 14°32'42.9"E	Abbandunat f'għalqa *Abandoned in an open field*

Is-sid leġittimu tal-imsemmi bastiment qed jintalab jikkuntattja lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, and email address of the receiving directorate are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

21st November, 2025

SUPERINTENDENCE OF
CULTURAL HERITAGE

Notification of Abandoned Vessel

The Superintendence of Cultural Heritage hereby notifies the public that the vessel described below has been found abandoned within the locality of Marsaxlokk, situated at the coordinates listed hereunder.

The lawful owner of the said vessel is requested to come forward and contact the SCH without delay. Should the

mingħajr dewmien. Jekk is-sid jonqos milli jersaq 'il quddiem sal-31 ta' Diċembru, 2025, il-Kunsill Lokali Marsaxlokk se jieħu r-responsabbiltà u pussess tal-bastiment għal skopijiet ta' restawr u konservazzjoni.

Kull komunikazzjoni relatata ma' dan l-avviż għandha tiġi indirizzata lill-SCH fuq (info.sch@gov.mt).

Il-21 ta' Novembru, 2025

owner fail to present themselves by the 31st of December, 2025, the Marsaxlokk Local Council shall proceed to assume responsibility for the vessel and take possession of it for the purposes of restoration and safeguarding.

All communications regarding this notice may be addressed to the Superintendence of Cultural Heritage at (info.sch@gov.mt).

21st November, 2025

MALTA AIR TRAFFIC SERVICES LTD

Lista ta' direct contracts mogħtija mill-Malta Air Traffic Services Ltd matul il-perjodu bejn is-16 ta' Jannar, 2025 u s-27 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L.601.03.

Il-21 ta' Novembru, 2025

MALTA AIR TRAFFIC SERVICES LTD

List of direct contracts awarded by Malta Air Traffic Services Ltd during the period between 16th January, 2025 and 27th June, 2025, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

21st November, 2025

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Contract Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	DO0015	Repairs of Radar Parts	16/01/2025	Leonardo SpA	27000.00
2	DO002/2025	Generators Service Level Agreement – 3 Years	17/01/2025	Lexcorp International Ltd	44176.91
3	DO022025	Microsoft 365 Upgrade Premium Licences – 1 Year	24/01/2025	Microsoft Ireland Operations Ltd	49639.20
4	DO032025	Replacement of Complete Critical Cooling System Unit incl. 5 Year Warranty	03/02/2025	Titan International Ltd	34672.60
5	DO042025	3 Pairs (6 Units) UHF Links	03/02/2025	Aviat Networks	43883.90
6	DO052025	Consultancy, Simulations and Factory Acceptance Test on Radar	19/02/2025	Intersoft Electronics	42067.00
7	DO062025	Supply of Metal and Concrete for Gozo VOR	26/02/2025	RCCL Ltd	23135.10
8	EPO2664	Rigging Personal Protective Equipment and Certification	04/03/2025	Mr Charles Ellul	9374.60
9	EPO2717	Supply of Diesel Tank	27/03/2025	Emiliana Serbatoi	5560.00
10	DO072025	Flight Inspection Training for 8 Attendees	27/03/2025	Flight Calibration Systems Services Ltd (FCSL)	45953.00
11	EPO2727	Drivers Training Course for Transportation of Dangerous Goods	03/04/2025	Maistre Services	5150.00

Nru *No.*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Contract Reference Number*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Contract Title/ Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
12	DO082025	ATSEPs Qualification for system monitoring and control for 3 Attendees	14/04/2025	DFS Aviation Services Ltd	10500.00
13	EPO2830	Certification and Inspection of Sites	10/06/2025	Inġ. Andre Cauchi	9900.00
14	DO102025	Renewal of Windows Server Licences – 1 Year	20/06/2025	Fonicom Ltd	13772.50
15	DO112025	VHF Transmitters	26/06/2025	Indra Park Air	42866.80
16	DO122025	VHF Transmitters	27/06/2025	Jotron	40840.17

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Bureau of Air Accident Investigation matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal Kuntratti.

Il-21 ta' Novembru, 2025

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

List of direct orders awarded by the Bureau of Air Accident Investigation during the period between 1st January, 2025 and 30th June, 2025, published in terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

21st November, 2025

Nru *No.*	Numru tar-Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference Number*	Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	LA_28_2025	Passenger Cabin Procedure and Regulations Advisor	05/01/2025	Ms Isabella Testaferrata De Noto	€9,968
2	LA_29_2025	Technical Advisor/Investigator	12/01/2025	Mr Renald Galea	€9,968
3	100/2024/24	Insurance Polcy (Air Accidents Investigations)	11/12/2024	Willis Towers Watson SA/NV	€38,054.43
4	100/2025/24	Provison of Legal services to the Bureau of Air Accident Investigation and Secretary to ENCASIA	04/03/2025	Dr Rebekah Tanti Dougall	€21,000.00
5	LA_31_2025	Technical Advisor/Investigator	12/05/2025	Prof. Robert Camilleri	€9,800
6	LA_32_2025	Technical Advisor/Investigator	12/05/2025	Prof. Inġ. David Zammit Mangion	€9,800

*Awtoritajiet tal-kuntratti li topera fis-setturi tal-water, energy, transport and postal services jirreferu għar-Regolament 87 tal-Public Procurement Utilities Regulations (L.S. 601.05) li jidderiġuhom mill-ġdid għal Regolament 111(2) ta' L.S. 601.03.

**Contracting entities operating in the water, energy, transport and postal services sectors shall also refer to Regulation 87 of the Public Procurement Utilities Regulations (S.L. 601.05) which redirects them to Regulation 111(2) of S.L. 601.03.*

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi karozza ta' lewn aħmar tat-tip Mazda bil-pjanċa numru HAC192 li għal perjodu twil kienet ipparkjata fi Triq l-Artillieri, bil-liċenzja skaduta, ġiet irmunkata mill-Kunsill Lokali Marsaskala fit-8 ta' Novembru, 2025, u ttieħdet għand Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' notifika skont il-finijiet ta' Artikolu 8A tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-Avviż Legali 123 tal-2001 u Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skrappjata.

Dan l-avviż jieħu post dak pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 21,538 tal-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, 2025.

Il-21 ta' Novembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2025.

ERU1711U25A – Medicinal
ERU1711U25B – Medicinal
ERU1711U25C – Devices
ERU1711U25D – Devices
ERU1711U25E – Devices
ERU1711U25F – Devices
ERU1711U25G – Medicinal
ERU1811U25 – Devices
ERU1811U25A – Medicinals
ERU1811U25B – Medicinals
ERU1811U25C – Medicinals

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-21 ta' Novembru, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Towing of a Vehicle

The Marsaskala Local Council notifies that a red vehicle which was parked for a long period in Triq l-Artillieri Marsaskala of model Mazda with registration number HAC192, and with an expired licence, was towed by the Marsaskala Local Council on 8th November, 2025, and taken to Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 as amended with Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations regarding Clamping and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated timeframe according to law, the said vehicle will be scrapped.

This notice supersedes the one published in the Government Gazette number 21,538 of Friday, 14th November, 2025.

21st November, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Call will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 24th November, 2025.

ERU1711U25A – Medicinal
ERU1711U25B – Medicinal
ERU1711U25C – Devices
ERU1711U25D – Devices
ERU1711U25E – Devices
ERU1711U25F – Devices
ERU1711U25G – Medicinal
ERU1811U25 – Devices
ERU1811U25A – Medicinals
ERU1811U25B – Medicinals
ERU1811U25C – Medicinals

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

21st November, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2025.

ERU1911U25 – Medicinal
ERU1911U25A – Devices
ERU1911U25B – Devices
ERU1911U25C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-21 ta' Novembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 25th November, 2025.

ERU1911U25 – Medicinal
ERU1911U25A – Devices
ERU1911U25B – Devices
ERU1911U25C – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

21st November, 2025

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Diċembru, 2025, jintlaqgħu offerti permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali n-Naxxar, għal:

Avviż Nru NLC/03/2025. Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek fin-naħa ta' fuq ta' Vjal il-Labour, in-Naxxar, b'mod effiċjenti ta' riżorsi li jikkunsidra l-impatti ambjentali usa'.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Il-21 ta' Novembru, 2025

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS at the Naxxar Local Council up to Monday, 22nd December, 2025, at 11.00 a.m., for:

Advt No. NLC/03/2025. Trenching works in upper Labour Avenue, Naxxar, in a resource efficient manner which considers wider environmental impacts.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer.

21st November, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2899

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-10 ta' Ottubru, 2025, Rikors numru 926/2025, minn Carmela Abela née Abela et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmela Abela u Marjohn Abela, ulied id-decujus fi kwoti

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th October, 2025, Application number 926/2025, by Carmela Abela née Abela whereby they requested that it be declared open in favour of Carmela Abela and Marjohn Abela, children of the decujus

ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Giovanna Abela née Tanti, armla ta' Toninu Abela, bint il-mejtin Benedetto Tanti u Bernardina née Farrugia, imwielda ż-Żejtun, Malta, kienet residenti ż-Żejtun, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-20 ta' Frar, 2023, ta' 75 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0218547M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in equal shares between them the succession of Giovanna Abela née Tanti, widow of Toninu Abela, daughter of the late Benedetto Tanti and Bernardina née Farrugia, born in Żejtun, Malta, resided in Żejtun, Malta and died in Msida, Malta, on the 20th February, 2023, aged 75, and who held identity card number 0218547M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2900

B'digriet tas-06 ta' Settembru, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-10 ta' Lulju, 2025, fuq rikors ta' 35˚14˚Capital SCC plc (C105417) tagixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, ta' Diċembru, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamru numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament numerat ħamsa (5) li jinsab fit-tieni sular, li jifforma parti minn kumpless mingħajr numru bl-isem ta' 'Melita Mansions' li jikkonsisti fi flats, maisonettes u garaxxijiet fi Triq il-Knisja, Tas-Sliema, mibnija fuq is-sit li qabel kien okkupat mid-djar numru tmintax (18), dsatax (19), għoxrin (20), wieħed u għoxrin (21) u tnejn u għoxrin (22), imiss mal-imsemmi kumpless mil-Lvant ma' dik it-triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Andrew De Domenico jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u min-Nofsinhar minn proprjetà ta' De La Salle Brothers jew tas-suċċessuri tagħhom, bi dritt ta' użu tal-partijiet komuni tal-blokka, stmat li jiswa ħames mija u għoxrin elf ewro (€520,000);

u

Iz-żewġ (2) spazji tal-parkeġġ internament numerati bin-numru ħamsa (5) u sitta (6) li jiffurmaw parti minn kumpless mingħajr numru bl-isem ta' 'Melita Mansions', li

By a decree given on the 06th September, 2025, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on 10th July, 2025 on the application of 35º14º Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday, 2nd December, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The apartment internally numbered five (5) situated on the second floor, forming part of a complex unnumbered named 'Melita Mansions' consisting of flats, maisonettes and garages in Triq il-Knisja, Tas-Sliema, built on the site formerly occupied by the houses number eighteen (18), nineteen (19), twenty (20), twenty one (21) and twenty two (22), bounded the said complex on east by the said street, on the west by property of Andrew De Domenico or his successors in title and on the south by property of the De La Salle Brothers or their successors in title, with the right of use of the common parts of the block, valued at five hundred and twenty thousand euro (€520,000);

and

The two (2) car space internally numbered number five (5) and six (6) forming part of a complex unnumbered named 'Melita Mansions', consisting of flats, maisonettes

jikkonsisti fi flats, maisonettes u garaxxijiet fi Triq il-Knisja, Tas-Sliema, mibnija fuq is-sit li qabel kien okkupat mid-djar numru tmintax (18), dsatax (19), għoxrin (20), wieħed u għoxrin (21) u tnejn u għoxrin (22), imiss mal-imsemmi kumpless mil-lvant ta' dik it-triq, mill-punent ma' proprjetà ta' Andrew De Domenico jew tas-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u min-Nofsinhar minn proprjetà ta' De La Salle Brothers jew tas-suċċessuri tagħhom, bi dritt perpertwu ta'passaġġ bil-vettura minn rampa li tagħti għal fuq it-Triq il-Knisja, kif ukoll bi dritt ta' passaġġ bir-riġel kemm mit-taraġ jew mill-lift li jagħtu għal Triq il-Knisja, stmati li jiswew sitta u ħamsin elf ewro (€56,000).

L-appartament u l-ispazji tal-parkeġġ fuq imsemmija kienu ġew akkwistati permezz ta' kuntratt datat t-tletin ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (30.12.2003) fl-atti tan-Nutar Dott. Remigio Zammit Pace.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alessandro Bianchi sive Sandro (KI 0865M) u Simone Bianchi (KI 233365M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 17 ta' Novembru, 2025

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and garages in Triq il-Knisja, Tas-Sliema, built on the site formerly occupied by the houses number eighteen (18), nineteen (19), twenty (20), twenty one (21) and twenty two (22), bounded the said complex on east by the said street, on the west by property of Andrew De Domenico or his successors in title and on the south by property of the De La Salle Brothers or their successors in title, with the perpetual right of a passage by vehicle from a ramp that leading to Triq il-Knisja, and also the right of passage on foot from the stairs or the lift leading to Triq il-Knisja, valued at fifty six thousand euro (€56,000).

The abovementioned apartment and the parking spaces were acquired by a contract dated the thirtieth of December of the year two thousand and three (30.12.2003) in the acts of Notary Remigio Zammit Pace.

The said tenement is the property of Alessandro sive Sandro Bianchi (ID 450865M) and Simone Bianchi (ID 233365M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2024.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 17th November, 2025

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2901

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet il-Maġġur Francis Naudi et noe vs Anthony Fava et noe, Rikors numru 63/2008MV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jamie Zammit u Marcelle Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet il-Maġġur Francis Naudi bħala mandatarju speċjali tal-assenti Robert Strickland (KI 629335M), Carmen sive Lilian mart Charles Busuttil (KI 230845M), Dorothy mart Albert Micallef (KI 344949M), Joseph Borg (KI 229256M), Eurox Estate Limited (C18607), Vincent sive Godwin Borg (KI 430941M), Carmela sive Lillian mart Alfred Mifsud (KI 36140M), Joseph Borg (KI 374748M), Helen Borg (KI 838434M)m, Paul Borg (KI 411257M), Anton Borg (KI 449558M), Carmen Borg (KI 228060M), Theresa Galea (KI 124962M), Carmel Delicata (KI 710245M), John Delicata (KI 8489646M), Maria Dolores sive Doreen Camilleri (KI 702948M), Mary sive Colin Jones (KI 841050M), Vincent Delicata (KI 75953M),

By means of a decree of the 14th October, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Major Francis Naudi et noe vs Anthony Fava et noe, Application Number 63/2008MV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jamie Zammit and Marcelle Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Major Francis Naudi as special mandatory of the absentee Robert Strickland (ID 629335M), Carmen sive Lilian wife of Charles Busuttil (ID 230845M), Dorothy wife of Albert Micallef (ID 344949M), Joseph Borg (ID 229256M), Eurox Estate Limited (C18607), Vincent sive Godwin Borg (ID 430941M), Carmela sive Lillian wife of Alfred Mifsud (ID 36140M), Joseph Borg (ID 374748M), Helen Borg (ID 838434M), Paul Borg (ID 411257M), Anton Borg (ID 449558M), Carmen Borg (ID 228060M), Theresa Galea (ID 124962M), Carmel Delicata (ID 710245M), John Delicata (ID 8489646M), Maria Dolores sive Doreen Camilleri (ID 702948M), Mary sive Colin Jones (ID 841050M), Vincent Delicata (ID 75953M),

Frank Borg (KI 545855M), l-Onorevoli Avukat Tonio Borg (KI 416257M), Marika Zammit (KI 486359M), Clare Bugeja (KI 55462M), Adrian Borg (KI 479264M), James Borg (KI 20666M), u Maria Borg (KI 499870M) vs Anthony Fava u Josephine sive Josette Fava nominati kuraturi deputati b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2008, sabiex jirrappreżentaw il-wirt battal ta' Maria Dolores Vella, Anthony Fava (KI 642757M) u Josephine sive Josette Fava (KI 161564M) u Mandy Cassar (KI 562675M) u Alistair Boult u John Vella għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 2024, Jamie Zammit u martu Marcelle Zammit ġew kjamati fil-kawża ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-30 ta' Settembru, 2008, ir-rikorrenti Maġġur Francis Naudi et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna l-iżgumbrament tal-intimati kollha mill-fond 57, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, u dan għar-raġunijiet fuq indikati u konsegwentement jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu lura l-pussess materjali tal-istess fond – dan isir taħt dawk il-provvediemnti kollha li dan il-Bord jogħġbu jimponi.

B'riserva ta' kwalsijasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi.

Notifika Jamie Zammit u Marcette Zammit, 9, Fl. 4, St George's Park, Rohan A, Il-Qasam ta' San Ġorġ, San Ġiljan

Ir-rikors fl-ismijiet il-Maġġur Francis Naudi noe et vs Anthony Fava et, Rikors numru 68/2008MV jinsab differit għall-25 ta' Novembru, 2025, fil-10.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Novembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Frank Borg (ID 545855M), the Hon, Advocate Tonio Borg (ID 416257M), Marika Zammit (ID 486359M), Clare Bugeja (ID 55462M), Adrian Borg (ID 479264M), James Borg (ID 20666M), and Maria Borg (ID 499870M) vs Anthony Fava and Josephine sive Josette Fava nominated deputy curators by means of a decree of the 5th November 2008 to represent the vacant inheritance of Maria Dolores Vella, Anthony Fava (ID 642757M) and Josephine sive Josette Fava (ID 161564M) and Mandy Cassar (ID 562675M) and Alistair Boult and John Vella for any interest they may have and by means of a decree of the 16th October, 2024, Jamie Zammit and his wife Marcelle Zammit were called into suit as third parties filed before the Rent Regulation Board, on the 30th September, 2008, the applicants Major Francis Naudi et noe requested this Honourable Board to order the eviction of all the respondents from the premises 57, Triq il-Merkanti, Valletta, and this for the reasons above indicated and consequently authorise the applicants to take back the material possession of the same premises – this is done under all those provisions that this Bord deems fit to impose.

Saving any other action due to the applicants according to law.

Notification: Jamie Zammit u Marcette Zammit, 9, Fl. 4, St George's Park, Rohan A, Il-Qasam ta' San Ġorġ, St Julian's

The application in the names Major Francis Naudi et noe vs Anthony Fava et noe, Application number 63/2008MV has been postponed for hearing to the 25th November, 2025, at 10.20 a.m

Registry of the Superior Courts, today 17th November, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2902

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 801/2024DC wara s-Subbasta numru 34/2022, fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Novembru, 2024, ir-rikorrent permezz ta' Rikors ta' GBAA Limited (C57376) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th November, 2024, in the records of Sworn Application number 801/2024DC after Judicial sale number 34/2022, in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et filed in the Civil Court, First Hall on the 13th November, 2024, the applicant by means of an application of GBAA Limited (C57376) asked this Honourable Court so that:

1. Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna, l-istess soċjetà esponenti tiġi ammessa biex tipparteċipa u tikkonforri fi ħdan il-konkors ta' kredituri odjern.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 801/2024DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-24 ta' Novembru, 2025, fl-10.30 a.m.

Notifika Intimat: l-Av. Phyllisienne Bugeja, il-Qorti, il-Belt Valletta

Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700), 5, Triq San Ġorġ, In-Naxxar

Emanuel Baldacchino (368682M), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Subject to any appropriate and opportune declaration, the same applicant company shall be admitted to participate and comply within the present competition of creditors.

The Sworn application number 801/2024DC in the names mentioned above is postponed to 24th November, 2025, at 10.30 a.m.

Notification respondent: Adv. Phyllisienne Bugeja, Law Courts, Valletta

Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700), 5, Triq San Ġorġ, Naxxar

Emanuel Baldacchino (368682M), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 19th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2903

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 801/2024DC wara s-Subbasta numru 34/2022, fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Novembru, 2024, ir-rikors ta' Natalie Mary Louise Vella Wright jgħid:

Illi l-esponenti ġiet notifikata bl-avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' Artikolu 416 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, għalhekk, a tenur tal-imsemmi Artikolu 416 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti qiegħdha ġġib 'il quddiem il-jeddijiet tagħha permezz ta' din in-nota;

Illi, in forza tal-kuntratt ta' kostitzzjoni ta' debitu datat l-ewwel (1) ta' Ottubru 2020, ('l-Ewwel Ftehim') fl-atti tan-Nutar Dott. Matthew Agius insinwat bin-numru 19660/2020, Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) u Emanuel Baldacchino (368682M) ikkostitwew ruħhom debituri veri, ċerti u likwidi favur il-kredituri mittenti, fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin ewro (€35,941), liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti mensili fuq perjodu ta' tliet (3) snin;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th November, 2024, in the records of Sworn application number 801/2024DC after Judicial sale number 34/2022, in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et filed in the Civil Court First Hall on the 27th November, 2024, the application of Natalie Mary Louise Vella Wright States:

That the applicant was notified with the notice issued in the Government Gazette in terms of Article 416 of Cap. 406 of the Laws of Malta;

That, thus, in terms of the said Article 416 of Cap. 406 of the Laws of Malta, the applicant is bringing forward her rights by means of this note;

That, in virtue of the contract of constitution of debt dated the first (1) of October 2020, ('the First Agreement') in the records of Notary Dr Matthew Agius insinuated with number 19660/2020, Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) and Emanuel Baldacchino (368682M) constituted real, certain and liquid debtors in favour of the interpellant creditors, in the amount of thirty five thousand, nine hundred and forty one euro (€35,941), which amount had to be paid in monthly instalments over a period of three (3) years;

Illi, fl-istess kuntratt, hemm indikat illi jekk id-debituri jonqsu milli jħallsu żewġ pagamenti mensili konsekuttivi, l-istess intimati jitilfu l-benefiċċju taż-żmien u l-ammont rimanenti jkun dovut immedjatament, bl-ogħla interessi mogħtija mil-liġi mid-data tan-nuqqas ai termini tal-Ftehim;

Illi, in forza tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ieħor datat l-ewwel (1) ta' Ottubru, 2020, ('it-Tieni Ftehim') fl-atti tan-Nutar Dott. Matthew Agius insinwat bin-numru 19661/2020, Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) u Emanuel Baldacchino (368682M) ikkostitwew ruħhom debituri veri, ċerti, u likwidi favur il-kredituri mittenti, fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin ewro (€35,941), liema ammont kellu jitħallas f'pagamenti mensili fuq perjodu ta' tliet (3) snin;

Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 29 ta' Marzu, 2022, il-Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u ddikjarat li l-konvenuti Emanuel Baldacchino & Co. Ltd u Emanuel Baldacchino huma debituri in solidum tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) rappreżentanti ħlas dovut skont iż-żewġ kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu insinwati bin-numri 19660/2020 u 19661/2021 u datati l-ewwel ta' Ottubru, 2020, rispettivament, u ordnat sabiex l-intimati in solidum bejniethom iħallsu l-imsemmija somma ta' €65,391.80, kif ukoll l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-għaxra (10) ta' Novembru, 2021, sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk legali u ġudizzjarji, kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra ġudizzjarja numru 2341/2021 fl-ammont ta' €262.30;

Illi d-debitu ta' Emanuel Baldacchino & Co. Limited u Emanuel Baldacchino jammonta għas-somma ta' tnejn u sebgħin elf, ħames mija u tlieta u erbgħin ewro u tletin ċenteżmu (€72,543.30) inkwantu għal ħamsa u sittin elf, tliet mija u wieħed u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€65,391.80) sorte u kwantu għal elfejn, tmien mija u sebgħa u erbgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,874.37) imgħaxijiet ulterjuri mill-10 ta' Novembru, 2021 sad-29 ta' Mejju, 2022, u inkwantu għal tlett elef, seba' mija u tnejn u ħamsin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€3,752.53) spejjeż tal-kawża numru 43/2022, u inkwantu għal ħames mija erbgħa u għoxrin ewro u sittin ċenteżmu (€524.60) spejjeż tal-ittri uffiċjali numru 2341/2021 u 2342/2021. Iżda tali ammont jeskludi l-ispejjeż tas-subbasta numru 34/2022 kif ukoll tal-proċeduri odjerni, li wkoll għandhom jiġu likwidati u kkalkolati bħala kreditu finali;

Illi preżentement, ir-rikorrenti għandha ipoteka specjali mogħtija mill-intimati a favur tagħha b'iskrizzjoni numru 9571/2018. Tali iskrizzjoni ġiet reġistrata qabel l-iskrizzjonijiet ta' ipoteki ta' kredituri oħra, u għalhekk ai fini ta' din il-proċedura, l-esponenti għandha tiġi mħallsa qabel kredituri oħrajn permezz ta' din il-proċedura odjerna.

That, in the same contract, it is indicated that if the debtors fail to pay two consecutive monthly instalments, the same respondents lose the benefit of time and the remaining amount is due immediately, with the highest interest given by law from the date of default in terms of the Agreement;

That, in virtue of the contract of constitution of another debt dated the 1st October, 2020, ('the Second Agreement') in the records of Notary Dr Matthew Agius insinuated with number 19661/2020, Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700) and Emanuel Baldacchino (368682M) constituted themselves real, certain and liquid debtors in favour of the interpellant creditors, in the amount of thirty five thousand, nine hundred and forty one euro (€35,941), which amount had to be paid in monthly instalments over a period of three (3) years;

That by means of a judgement of this Honourable Court dated 29th March, 2022, the Court upheld the applicant's demands and declared that the defendants Emanuel Baldacchino & Co. Ltd and Emanuel Baldacchino are jointly and severally debtors of the applicant in the sum of sixty five thousand, three hundred and ninety one euro and eighty cents (€65,391.80) representing payment due according to the two contracts of constitution of debt enrolled with numbers 19660/2020 and 19661/2021 and dated the first October, 2020, respectively, and ordered that the respondents in solidum between them pay the said sum of €65,391.80, as well as interest at the rate of eight per cent (8%) which runs from the tenth (10) of November, 2021, till the date of effective payment and the costs of the cause, including legal and judicial costs, as well as the costs of judicial letter number 2341/2021 in the amount of €262.30;

That the debt of Emanuel Baldacchino & Co. Limited and Emanuel Baldacchino amounts to the sum of seventy two thousand, five hundred and forty three euro and thirty cents (€72,543.30) as for sixty five thousand, three hundred and ninety one euro and eighty cents (€65,391.80) capital and as for two thousand, eight hundred and forty seven euro and thirty seven cents (€2,874.37 further interests from the 10th November, 2021 till the 29th May, 2022, and as for three thousand, seven hundred fifty two euro and fifty three cents (€3,752.53) costs of the cause number 43/2022, and as for five hundred twenty four euro and sixty cents (€524.60) costs of the judicial letters number 2341/2021 and 2342/2021. Provided that such amount excludes the costs of the judicial sale number 34/2022 as well as of the present proceedings, which shall also be liquidated and calculated as a final claim;

That presently, the applicant has a special hypothec given by the respondents in her favour with registration number 9571/2018. Such registration was registered before the registrations of hypothecs of other creditors, and thus for the purpose of this procedure, the applicant is to be paid before other creditors by means of this present procedure.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 801/2024DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għal-24 ta' Novembru, 2025, fl-10.30 a.m.

Notifika Intimat: Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Is-Swieqi

Emanuel Baldacchino (368682M), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Novembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 801/2024DC in the names mentioned above is postponed to 24th November, 2025, at 10.30 a.m.

Notification respondent: Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C44700), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Swieqi

Emanuel Baldacchino (368682M), Arjuża, Triq Josef Kalleja, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 19th November, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2904

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 801/2024DC wara s-Subbasta numru 34/2022, fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Novembru, 2024, ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, ġja Kummissarju tat-Taxxi jgħid:

Illi l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie notifikat bl-Avviż tas-Smigħ tal-proċedura tal-konkors ta' kredituri odjerna, kif ukoll bl-avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, għalhekk, a tenur tal-imsemmi Artikolu 416 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed iġib 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu permezz ta' dan ir-rikors;

Illi l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana huwa kreditur eżekuttiv ta' Emanuel Baldacchino (368683M) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Emanuel Baldacchino & Co. Ltd (C44700), fis-somma ta' disgħa u sebgħin elf, ħames mija u tmienja u tmenin ewro u żewġ ċenteżmi (€79,588.02), rappreżentanti ammont dovut mid-debituri bħala taxxa fuq il-valur miżjud skont avviż maħruġ a tenur t' Artikolu disgħa u ħamsin (59) tal-Att XXIII tal-1998, oltre l-imgħax legali u spejjeż sal-jum tal-pagament effettiv, liema Avviż ġie rez eżekuttiv permezz t'ittra uffiċjali numru 5098/23 ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ewwel (1) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022);

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th November, 2024, in the records of Sworn application number 801/2024DC after Judicial sale number 34/2022, in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Emanuel Baldacchino et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise (298201L) vs Emanuel Baldacchino (368682M) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 15th November, 2024, the application of the Commissioner for Revenue and Customs, previously Commissioner for Revenue States:

That the Commissioner for Revenue and Customs was notified with the Notice of hearing of the procedure of the present competition of creditors, as well as with the notice issued in the Government Gazette in terms of Article 416 of Cap. 406 of the Laws of Malta;

That, thus, in terms of the said Article 416 of Cap. 406 of the Laws of Malta, the Commissioner for Revenue and Customs is bringing forward his rights by means of this application;

